PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

28 ta' Mejju, 2023

# "KIEKU NAFU X'NITILFU"

Hekk qalli wieħed parruċċan meta għidtlu li aħna lkoll preokkupati għall-fatt li suppost naraw iktar parteċipazzjoni għal-laqgħa ma' Kristu, u b'mod speċjali f'Jum il-Mulej. Kieku nafu x'nitilfu meta bi ftit impenn niġu niltaqgħu ma' Kristu fil-Kelma u fl-Ewkaristija!

F'dan il-Ħadd qegħdin niċċelebraw il-Pentekoste, Jum Għid il-Ħamsin, il-jum li fih l-Ispirtu s-Santu ssawwab fuq l-ewwel membri tal-Knisja. Illum ukoll 31 tifel u tifla li se jirċievu lil Ġesù Ħobż tal-Ħajja għall-ewwel darba.

Nifirħu magħhom u nitolbu għalihom.



Għeżież ġenituri, ħudu l-impenn tagħkom bi pjaċir u ppruvaw li dan il-commitment li għandkom li tgħaddu lil Ġesù għal ġewwa l-ħajja ta' wliedkom tkompluh kuljum.

Il-ġenituri huma bħal bridge li jgħaqqad lil uliedhom ma' Alla.

Il-ġenituri huma bħal kanali tal-ilma li jħallu l-Kelma u l-Ewkaristija tasal fil-ħajja ta' wliedhom.

Illum għandna ħafna impenji, ruxxmata attivitajiet. Veru.

Imma ma hemm xejn li jiswa daqs dik il-laqgħa ta' kull ġimgħa f'ambjent qaddis, fejn il-familja kollha tisma' l-Kelma, tixtarrha u tirċievi l-Ikel qaddis tal-Ħobż li hu Ġesù.

F'dan il-Ħadd nitolbu sabiex l-Ispirtu s-Santu jnebbaħna ħalli ngħixu u nfittxu dak li hu l-aħjar, l-iktar importanti, l-isbaħ u l-iktar qaddis għall-għeżież uliedna.

*Nawguraw lit-tfal kollha tal-Ewwel Tqarbina li jkunu dejjem qrib tiegħU matul l-avventura kollha ta' ħajjithom!*

***L-Arċipriet Jimmy Xerri***

**ATTIVITAJIET ORGANIZZATI MILL-GRUPP TAR-ROMOL**

1. Nhar il-Ħamis 1 ta' Ġunju, żjara għall-**Wirja fuq il-Bibbja fil-Kurja** tal-Isqof, li hija interessanti ħafna. Din il-wirja tagħmel parti mill-programm **Shemà** li hija organizzata mill-Pjan Pastorali ta' din is-sena. Tluq minn fejn iċ-Ċentru fid-9:30am. Il-booking huwa neċessarju, sa nhar l-Erbgħa 31 ta' Mejju.
2. **Ġurnata għal Kemmuna** nhar il-Ġimgħa 9 ta' Ġunju, bħala konklużjoni tal-laqgħat. Tluq minn fejn iċ-Ċentru fit-8:30am u niġu lura fis-2:00pm. Booking sa nhar il-Ħamis 8 ta' Ġunju. Ħlas tad-dgħajsa €10. Kulħadd iġib il-packed lunch.

Min ikun jixtieq jingħaqad magħna, *is always welcome!* Ikkuntattjaw lil Dun Ġużepp Attard (99847099), Tonina Sammut (79923153 / 21553041) jew Rita Said (79306485 / 21553038).

**L-AVVIŻI:**

**PURĊISSJONI U PROGRAMM MARJAN:** nhar it-Tlieta 30 ta' Mejju fis-7:00pm se ssir il-purċissjoni bil-Madonna tal-Qasam mill-Pjazza San Pietru u San Pawl sal-grawnd tal-Museum tas-Subien fejn isir programm qasir ta' kant, poeżiji, prietka ta' tifel u konsagrazzjoni lill-Madonna. Kulħadd hu mistieden.

**SIEGĦA TAL-ĦNIENA DIVINA:** nhar il-Ġimgħa 2 ta' Ġunju fl-ewwel Ġimgħa tax-xahar. Tibda fil-5:25pm.

**SIEGĦA ADORAZZJONI:** bi tpattija lill-Qalb bla tebgħa ta' Marija u għall-konverżjoni tal-midinbin. Din se ssir nhar is-Sibt 3 ta' Ġunju, fit-8:15am fil-knisja tal-Qalb ta' Ġesù. Kulħadd hu mistieden.

**ĠABRA GĦALL-ARKA:** din se ssir fil-quddies tas-Sibt filgħaxija u l-Ħadd 3 u 4 ta' Ġunju li ġej. Nitolbukom tgħinu mill-aħjar li tistgħu għal din l-opra qaddisa.

**BOOKING TAL-QUDDIES:** dawk li jixtiequ jibbukkjaw il-quddies għax-xhur li ġejjin, jistgħu jiġu l-uffiċċju parrokkjali minn nhar it-Tnejn li ġej, 29 ta' Mejju.

**L-GĦAQDA TAN-NAR 29 TA' ĠUNJU:** tixtieq tavża lill-bdiewa li għandhom ir-raba' fil-limiti tal-Ġebel l-Aħmar biex jiġbru l-prodotti qabel il-festa. Dan għaliex matul il-jiem li ġejjin il-membri se jibdew inaddfu l-għelieqi u jaħarqu l-ħaxix ħażin minn fejn jinħaraq in-nar tal-festa. Dan isir b'mod għaqli u responsabbli sabiex ma ssirx ħsara, filwaqt li nżommu l-post sigur. Napprezzaw il-koperazzjoni ta' kulħadd.

**Ħin tal-Quddies**

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.00am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am; 10:15am (bl-Ingliż)

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am